MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Numru 19/2004

Il-Pulizija
(Sp Paul Bond)
vs
Brooks Lia, iben Vincent,
imwieled Pieta' fid-9 ta'
april, 1973
u
Jonathan Zammit, iben Charles,
imwieled Pieta' fit-13 ta'
diċembru, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli fil-21 ta' lulju, 2003 wara nofs in-nhar waqt li kienu fi Triq ir-Rebbiegħa, Mosta kkomettew serq ta' stereo\radio tal-marka Pioneer minn ġewwa karozza ta' għamla Ford Escort, bin-numru tar-reġistrazjoni TON 658, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-

ħaġa misruqa għad-dannu ta' Antoine Caruana mill-Mosta;
2. talli fl-istess data, ħin u lok ikkaġunaw ħsara volontarja fl-istess karozza liema ħsara teċċedi l-Lm50 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' Antoine Caruana;
kontra Jonathan Zammit –
3. talli matul ix-xahar ta' lulju, 2003 fil-Mosta, xjentement laqa' għandu l-imsemmi stereo\radio li kien ġej mis-serq, meħud b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjntement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħ jew imexxi, u dan għad-dannu ta' Antoine Caruana;
kontra Brooks Lia –
4. talli b'egħmilu kiser il-kondizzjonijiet li kienu ġew impposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati fit-12 ta' marzu, 2003 meta kien instab ħati ta' diversi reati ta' serq u kien ġie lliberat taħt l-artikolu 5 tal-kapitolu 152 tal-liġijiet ta' Malta li ma jikkomettiex reat ieħor fi żmien tlett snin minn dik id-data;
kontra Jonathan Zammit -
5. talli b'egħmilu kiser il-kondizzjonijiet li kienu ġew imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati fit-22 ta' settembru, 2003 meta kien instab ħati ta' reat ta' serq u kien ġie kkundannat għal sena priġunerija sospiża għal erba' snin f'liema perjodu operattiv kien marbut li ma jikkomettiex delitt ieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' frar, 2004 fejn Brooks Lia ammetta l-ewwel, it-tieni
u ir-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' frar, 2004 fejn Jonathan Zammit ammetta t-tieni,
it-tielet u il-ħames akkuża miġjjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Brooks Lia ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat

l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 264, 267, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500). Dwar Jonathan Zammit, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 325(1)(b) u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500). Inoltre, rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza tat-22 ta' settembru, 2003 għall-erba' snin oħra mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------